Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11145 – SCANIA/SENNDER/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 274/10)

1. Fis-26 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Scania CV AB ("Scania", l-Iżvezja), li tappartjeni għall-grupp Volkswagen ("Volkswagen", il-Ġermanja),

— sennder Technologies GmbH ("sennder", il-Ġermanja),

— Kumpanija ġdida (il-joint venture, "JV fil-Mira", il-Ġermanja).

Scania u sennder se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Scania hija attiva madwar id-dinja bħala żviluppatur u manifattur ta' trakkijiet u xarabanks għall-applikazzjonijiet tat-trasport, inklużi vetturi kummerċjali elettriċi bil-batterija, finanzjament tal-vetturi, assikurazzjoni, u servizzi ta' kiri. Volkswagen hija manifattur tal-karozzi, attiva madwar id-dinja fil-manifattura u d-distribuzzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali, muturi, magni, u turbomakkinarju, kif ukoll fil-forniment ta' servizzi relatati, inkluż il-finanzjament, il-kiri, u l-ġestjoni tal-flotta,

— sennder hija speditur diġitali tal-merkanzija bit-triq li tipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi ta' tagħbija sħiħa tat-trakkijiet tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku lill-ispedituri madwar l-Ewropa.

3. Il-JV fil-mira se toħloq offerta ta' "Vettura bl-elettriku bħala Servizz" li tinkludi l-provvista ta' BEVs heavy-duty ibbażati fuq mudell ta' ħlas skont l-użu flimkien ma' servizzi diġitali, fiżiċi u kummerċjali assoċjati li jippermettu lit-trasportaturi żgħar u ta' daqs medju jelettrifikaw il-flotta tagħhom u jużaw BEVs fin-negozji tagħhom. L-offerta tagħha se tkun ġeografikament iffukata fuq il-Ġermanja fil-fażi tal-bidu inizjali iżda tista' tiġi introdotta wkoll f'pajjiżi ġirien Ewropej oħra f'nofs it-terminu.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11145 – SCANIA/SENNDER/JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË